MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

Il-Ġimgħa, 28 ta' Diċembru, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-12:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 44.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

44.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

44.1.2 Tqajjmet diskussjoni fejn għandux jiġi imniżżel id-dettalji ta' resident li kien preżenti u tkellem fil-laqgħa. Is-Segretarju qalet li l-laqgħa għandha tiġi sospiża pero xorta ser isaqsi parir tal-avukat tad-Dipartiment.

## 44.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

44.2.1 Is-Sindku qal li rigward każ no. 1, il-Kunsill għamel is-sottmissjonijiet permezz tal-Perit tal-Kunsill u jidher li diġa' kien hemm żvilluppi għaliex inbidel id-disinn tal-faċċata
Is-Sindku qal li xorta għadu mhux konvint għall-aħħar mid-disinn il-ġdid tal-faċċata. Is-Sindku kompla jgħid li ġie infurmat li saret petizzjoni oħra simili lil PA.

44.2.2 Is-Sindku qal li t-tiżjin tal-Milied sar u ntlaqa tajjeb.

44.2.3 Is-Sindku qal li Swejjaq jihder li mar tajjeb. Kellna diversi fatturi li setgħu itellfu. Is-Sindku qal li naraw noħorġux mill-ispejjeż u jipproponi li l-bqija joħroghom il-Kunsill u hekk nkunu qed ngħinu lil għaqdiet li qed noħolqulhom l-attivitajiet biex minnhom ikunu jistgħu jagħmlu fundraising.
Is-Sindku qal li jipproponi ukoll li nibgħatu lill-għaqdiet kemm ġiet tiswa l-attivita' sabiex kullħadd ikun jaf bl-għajnuna u l-opportunitajiet li l-Kunsill qed joħloq għall-għaqdiet. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku qal ukoll li bagħat jirringrazzja ukoll lis-Segretarju Parlamentari Camilleri għall-għajnuna importanti li tagħna, saħansitra ic-cheque diġa wasal l-uffiċċju.

44.2.4 Is-Sindku qal li bħalissa għaddej ix-xogħol sabiex jinħarġu t-tenders għat-toroq li se jingħata fondi mill-Ministeru għas-sena 2019. Kompla jgħid li kellem mal-Ministru għal Għawdex u saqsietu meta se jiġu konklużi t-tenders. Is-Sindku fakkar biex ikun hemm rappreżentant mill-Ministeru fuq il-bord tal-aġġudikazzjoni u importanti ukoll li ssir ix-xogħol qabel is-sajf. Il-Kunsill qabel.

44.2.5 Is-Sindku qal li s-Surmast tal-iskola oġġezzjona li c-charging stations isiru fil-ground tal-iskola. Is-Sindku qal li nitobuhom biex isiru fl-area ta' Bieb il-Għar. Il-Kunsill qabel.

44.2.6 Is-Sindku qal li tkellem personalment ma' Joe Grima rigward l-istima għall-manutenzjoni fil-pjazza. Is-Sur Grima qal lis-Sindku li mhux ċert li l-pjazza tiġi kif suppost pero ser jerġa jiċċekja.

44.2.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-proġett 'Dementia Tech', qal li tkellem mal-Ministru għall-Għawdex. Il-Ministru wriet interess biex tgħina f'dan il-proġett kif ukoll introduċietu lis-Sur Johnatan Mizzi mill-Ministeru tagħha sabiex niġu mgħejjuna biex dan il-proġett ikun aħjar. Ħarġet l-idea li kieku dan l-app ikun b'tali mod li l-allarm jingħata awtomatikament meta l-persuna toħroġ min ċertu żoni. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv (SE) tfakkru biex wara l-festi nerġgħu nqajjmu s-suġġett.

44.2.8 Is-Sindku qal li hemm bżonn nagħmlu appuntament mal-Ministru għall-Għawdex rigward iċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll appuntament mas-Segretarju Parlamentari Camilleri dwar il-ġnien ta' Franza u niddeċiedu data meta se ssir.

44.2.9 Is-Sindku qal li rigward it-turnament tal-futbol, it-taljani bagħatulna li ġewwa Balme de Sillingy l-ftehim kien li d-dati jsiru fi ġranet differenti.

44.2.10 Is-Sindku qal li s-Surmast tal-iskola talab biex isir sign fil-Pjazza li turi direzzjoni lejn l-iskola. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

44.2.11 Is-SE ressqet il-*leave balance* ta' 43 *hours* tal-Assistant Principal jiġu trasferiti għas-sena 2019. Il-Kunsill qabel.

44.2.12 Is-(SE) qalet li l-unika applikazzjoni ta' interess għall-Ambaxxatur kienet ta' Etienne Cauchi. Il-Kunsill qabel li s-Sur Cauchi jinħatar bħala Ambaxxatur li jmiss u jiġi mistieden għall-laqgħa li jmiss.

## 44.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

44.3.1 Is-SE irrimarkat li ma kienx hemm mistoqsijiet mill-kunsillieri.

## 44.4 Bye – Laws – Nuisance Abatement;

44.4.1 Is-Sindku qal li l-abbozz tal-Bye Laws jidher tajjeb u jekk hemm qbil mill-Kunsill nkunu nistgħu nipproċedu. Il-Kunsill qabel.

## 44.5 Performance Bonus għall-Impjegati

44.5.1 Is-SE ressqet ir-rapport għall-Assistant Principal għas-sena 2018 u irrakkomandat li tingħata l-massimu ta' 6%. Il-Kunsill approva.

44.5.2 Il-Kunsil qabel li s-SE għandha tingħata *performance bonus* il-massimu ta' 10%.

## 44.6 Il-Bagit tal-Kunsill għas-Sena 2019

44.6.1 Is-SE infurmat li se jsir *draft budget* mal-accountant tal-Kunsill fil-jiem li ġejjjin. Wara li jitlesta dan id-*draft* ser jiġi ippreżentat quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

44.6.2 Is-SE qalet li l-intenzjoni li jkun ippreżentat dan is-suġġett fuq l-agenda huwa għall-fatt li jekk xi ħadd għandu xi rakkomandazzjoni partikolari, iressaqha biex tiġi inkluża.

## 44.7 Parking Area fi Triq San Lawrenz

44.7.1 Is-Sindku qal li hemm għalqa ftit il-barra miċ-Ċentru ta' San Lawrenz li għandha potenzjal li tintuża bħala parking spaces għan-nies ta' San Lawrenz. Kompla jgħid li din tgħin ħafna meta jkun hawn influss ta' nies eżempju fiż-żmien ta' Festa jew xi attivitajiet oħra matul is-sena. Huwa ssuġerixxa li biex ma tinħeliex art, peress li hija art agrikola u hemm livell ta' sular mit-triq, għandha ssir tisqifa b'ħadid ikaxxjat b'saħħtu biżżejjed biex jera l-karozzi u fl-istess ħin minnu tgħaddi x-xemx u x-xita.
Il-Kunsill qabel fuq din l-opportunita' u għandna nibdew it-taħdidiet mal-perit tagħna u l-awtoritajiet konċernati

## 44.8 Updates; Latrina, Statwetti fil-Pjazza, Għajn tal-Ilma u Proġetti tat-Toroq;

44.8.1 Is-Sindku qal li Triq Wied il-Merill ix-xogħol miexi u li għad fadal li jsir il-kisja tarmak. Xi sidien qed jitolbu li jsir xi lqugħ għall-ilma biex ma jidħolx fl-għaqa tagħhom u hekk insalvaw il-ħamrija. Għandu jsir ukoll filata ġebel li tista' ssir mill-ħaddiem tagħna.

Is-Sindku kompla jgħid li rigward Triq il-Qasam ix-xogħol miexi ukoll u wara l-festi hemm bżonn li nagħfsu aktar fuq il-kuntrattur biex jitlesta x-xogħol. Triq Wied Gonu għadu ma bediex ix-xogħol u hemm bżonn li l-kuntrattur jiġi mogħti data fissa meta jibda u jeħles

44.8.2 Is-Sindku qal li għall-proġett tal-Latrina u Statwetti tlaba update lil Perit u ħeġġeġ biex dawn il-proġetti jingħataw priorita' assoluta.

## 44.9 Lecture Dwar id-Dwejra

44.9.1 Is-Sindku qal li attenda lecture imexxija minn Profs Joe Caruana dwar id-Dwejra u kienet ta' interess. Is-Sindku propona li tiġi ripetuta xi darba f' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel.

## 44.10 Il-Binja tac-Childcare

44.10.1 Is-Sindku kellu talba- każ. no 3, biex tintuża parti mill-binja tal-Kunsill għall-Childcare Centre. Is-SE qalet se tagħmel riċerka sabiex naraw dan huwiex possibli.

## 44.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

44.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 44.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-15:15 u ġiet aġġornata għall-23 ta' Jannar 2019 fl-15:00.

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| Noel Formosa | Sarah Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |